# RAPPORT AMMINISTRATTIV
# TNAX -IL XAHAR TA’ ĦIDMA
# Jannar sa Diċembru 2021

***Introduzzjoni***

Dan ir-Rapport Amministrattiv jiġbor fih il-ħidma mwettqa mill-Kunsill Lokali matul il-perjodu ta’ leġiżlatura ġdida li bdiet fis-seħħ minn Jannar sa Diċembru tas-sena 2021.

Il-kompożizzjoni tal-Kunsill u r-responsabilitajiet tal-membri kienu kif jidhru hawn taħt:

| | |
|---|---|
| **Is-Sindku Mario Calleja:** | Finanzi u Sigurta`, proġetti kapitali u membru tal-bord tar-rivista.<br><br>Ambjent - ( Indafa ) – Kollezzjoni tal-iskart domestiku w goff, knies u BIS<br><br>Komunitajiet tan-negozji flimkien ma` Entitajiet oħra inkluż il-Kleru.<br><br>Tqassim ta` xogħol lill-ħaddiema tal-Kunsill<br><br>Douzelage Town Twinning Organisation, Progetti u Fundazzjoni GAL Xlokk. |
| **Il-Viċi Sindku Janice Falzon:** | Ambjent, Ambjent fejn jidħol Riserva tal-Magħluq.<br><br>Transport Pubbliku inkluż Bus Shelters.<br><br>Ħarsien tal-annimali.<br><br>Sports u attivitajiet fiżiċi.<br><br>Bord editorjali tar-rivista. |
| **Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri:** | Binja Amministrattiva.<br><br>Enereġija, Ambjent Marittimu fejn jidħlu gaġeġġ tal-hut u kull tniġġiz tal-ibħra tal-madwar<br><br>Integrazzjoni Socjali u membru tal-Bord tar-rivista, komunitajiet. |
| **Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud:** | Edukazzjoni Primarja u rappreżentant tal-edukazzjoni fid Douzelage.<br><br>Anzjani<br><br>Indafa u tiżbieħ tal-ġonna u *promenade* |

| | |
|---|---|
| | Rappreżentant tal-Kunsill fil-Wasteserv u l-Impjant ta` Sant` Antnin |
| | Rappreżentant tal-Kunsill fill-Kumitat tar-Reġjun Xlokk. |
| **IL-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri:** | Holqien ta` *Website* ġdida tal-Kunsill flimkien ma *facebook*. |
| | Edukazzjoni Sekondarja li tinvolvi laqgħat maż-żewġ kapijiet tal-iskejjel tagħna flimkien ma` Charlot Mifsud għall-edukazzjoni aħjar fil-lokal tagħna. |
| | Innovazzjoni |
| **Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud:** | Kultura, attivitajiet soċjali inkluż din tal-preparazzjoni għall-Jum Marsaskala. |
| | Persuni b`diżabilita` kif ukoll Ugwaljanza. |
| **Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli:** | Żgħażagħ u tfal. |
| | Proġetti tad-Douzelage. Applikazzjonijiet u rapport finali. |
| | Tħejjijja għall-laqgħa Ġenerali Annwali f`Marsaskala fl-2022. |
| **Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar:** | Qasam Soċjali |
| | Infittxu residenti li ma jgħixux diċenti. Nippruvaw naslu kemm mal-knisja kif ukoll mal-Awtoritajiet Ċivili. |
| | Sanita`. Infittxu garaxxijiet li jabitaw nies fihom mingħajr faċilitajiet sanitarji. |
| | Wirt Storiku. |
| **Il-Kunsillier il-Perit John Schembri:** | Infrastruttura tat-toroq. |
| | Disinji fuq proġetti proposti. |
| | Nidentifikaw għamara fit-toroq tagħna li jkollha bżonn manutenzjoni jew tinbidel. Hemm bżonn isir inventarju ta` kull biċċa għamara li għandna fit-toroq tagħna. |

Kif wieħed qiegħed jinnota, din is-sena, r-Rapport Amminitrattiv qiegħed isir fuq bażi ta' tnax il-xhar, minn Jannar sa Diċembru tas-sena kurrenti.

Dawn l-aħħar tnax il-xhar tas-sena 2021 kienu bla dubju bla waqfien, li matulhom, il-Kunsill iltaqa` tnax il-darba sabiex jiddiskuti tnax il-aġenda differenti.

Matul is-sena 2021 saru żewġ laqghat tal-lokalita` fit-26 ta’ Mejju 2021 u fl-1 ta’ Diċembru 2021. Minħabba ir-restrizzjonijiet tal-Covid iż-żewġ lagħat saru *online* u mxandra *facebook*.

L-attendenza tal-Kunsilliera għal-laqgħa tal-Kunsill kienet hekk:

| Isem | Nru ta’ Laqgħat | Preżenti | Assenti b’Apoloġiji | Assenti |
|---|---|---|---|---|
| Is-Sindku s-Sur Mario Calleja | 13 | 13/13 | 0/13 | 0/13 |
| Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon | 13 | 11/13 | 0/13 | 2/13 |
| Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri | 13 | 12/13 | 1/13 | 0/13 |
| Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar | 13 | 10/13 | 2/13 | 1/13 |
| Il-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri | 13 | 11/13 | 1/13 | 1/13 |
| Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud | 13 | 12/13 | 0/13 | 1/13 |
| Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud | 13 | 13/13 | 0/13 | 0/13 |
| Il-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli | 13 | 7/13 | 2/13 | 4/13 |
| Il-Kunsillier il-Perit John Schembri | 13 | 12/13 | 1/13 | 0/13 |

Matul dan il-perjodu kienu preżentati tletin il-mozzjoni li l-maġġoranza tagħhom ġew implimentati.

Matul is-sena finanzjarja li għaddiet, il-Kunsill kellu allokazzjoni ta’ fondi mill-Gvern Ċentrali li tammonta għal €1,035169.00

**<u>Sejħiet għall-offerti li nħarġu fis-sena 2021:</u>**

| | |
|---|---|
| KLM2021/01 | Works for the upgrading of St Anne’s Garden Marsaskala using various environmentally friendly manners. |
| KLM2021/02R | Works for the upgrading of St Anne’s Garden Marsaskala using various environmentally friendly manners. |
| KLM2021/03 | Tender for the Supply of a full electric van for Marsaskala Local Council. |
| KLM2021/04 | Tender for the supply second habd truck with open box for Marsaskaal Local Council. |

**Rapport ta' Ħidma mis-Sindku s-Sur Mario Calleja**

Ma nistax ma nibdix dan ir-rapport amministrattiv u ma` nirringrazzjax lill-sħabi Kunsilliera, s-Segretarju Eżekuttiv u l-iskrivani kollha, l-ħaddiema tal-RSS u dawk tal-Komunita` għax li kieku ma` jkunux huma u ma naħdmux bħala tim żgur illi dan ix-xogħol li jsir fil-komunita` tagħna ma` jsirx. Wieħed ma` l-ieħor u katina waħda. Nagħmilha ċara li s-Sindku qiegħed hemm biex imexxi l-vapur iżda mingħajr baħrin ma naslux.

**Finanzi tal-Kunsill:**

Nista nħabbar b`wiċċi minn quddiem illi l-finanzi tal-Gvern Lokali tagħna huma tajbin ħafna u b`*surplus*. Dan minkejja l-fondi li ħarġu għal-binja amministrattiva. Żgur li ma jiddispjaċiniex l-investiment li sar biex b'hekk igawdu minnu l-iskaliżi kollha. Dejjem konna attenti biex inġemmu u nibżgħu għall-fondi. Hawnhekk tajjeb insemmu illi fil-binja l-ġdida għandna wkoll `*primary health care*` berġa għas-servizz tal-pubbliku Skaliż. Il-finanzi huma responsabilta` personali tas-Segretarju Eżekuttiv u tiegħi allura ta` kuljum flimkien niddiskutu d-dħul u l-ħruġ tal-fondi pubbliċi. Dan dejjem bl-għajnuna tal-*Accountant* brava tagħna s-Sinjura Mintoff. Apparti l-allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali aħna dejjem infittxu proġetti b`għajnuna finanzjara min-naħa tal-Ewropa. GAL Xlokk huwa wieħed minnhom apparti wkoll id-*Douzelage Town twinning Organisation*. Min naħa ta` din l-organizazzjoni r-residenti tagħna jgawdu ħafna billi anke jżuru pajjiżi mingħajr ħlas, kif ukoll gruppi jiġu hawn b`fondi tal-Ewropa u b`hekk jgħinu wkoll ir-rota tal-ekonomija tagħna fejn jidħlu akkomodazzjoni u stabbilimenti ta` ikel u xorb. Ma nistax ma nsemmix l-għajnuna kontinwa min-naħa tar-Regjun ta` Nofsinnahr li aħna ngħamlu parti minnu.

**Forza tal-Ordni:**

Nista ngħid illi minkejja d-diversi ilmenti li ġieli jkolna min naħa tal-pubbliku fuq nuqqas ta` Pulizija fl-għassa u forsi li jista jkun hawn forza tal-ordni aħjar, nemmen il-Pulizija teżerċita ix-xogħol tagħha mill-aħjar li tista. L-għassa l-ġdida minkejja li forsi kien hemm xi kontroversji dalwaqt tkun lesta u allura jkun jista jkolna spettur tagħna bħala diviżjon. Tajjeb nispjega wkoll illi l-għassa ser ikollha access ta` *lift* għall-anzjani u dawn diżabbli. Isiru laqgħat ta` sikwit mal-Ispettur u anke l-uffiċjali li jservu fil-lokal tagħna. Nista ngħid li għandi rapport tajjeb ħafna magħhom u dejjem kienu hemm biex jaghtuna l-aħjar servizz.

**Indafa fit-toroq:**

Minkejja li l-Kunsill tagħna jagħmel minn kollox biex jara l-indafa fit toroq taghna xorta waħda mhux sodisfatt. Hemm bżonn li sejħa għall-offerti oħra jiżdiedu l-ħaddiema biex ilaħqu mad-domanda tal-140 triq fil-Lokal. Wieħed ma jridxx jagħti każ li forsi jkun numru insignifikanti ta` nies li forsi jisfidaw il-liġi. Hawn ma nistax ma nirringrazzjax lill-ħafna ndividwi tal-informazzjoni li jibgħatu ta` kuljum biex b`hekk aħna wkoll nkunu mill-ewwel nistgħu ninfurmaw il-kuntrattur tagħna flimkien mal-Awtoritajiet kkonċernati u jittiehdu wkoll passi. Kien hemm fejn anke ndividwi ġew immultati bi ksur ta` ligi. Servizzi ta` knis, kollezzjoni ta` skart domestiku, konteनituri tas-separazzjoni, ġbir ta skart goff kulljum mit-tnejn sal-ġimgħa, żdiedu kontenituri max- xatt għal iskart kontamenat eċċ. L-indafa ma tiġix b'xejn u nassigurakom li l-Kunsill joħroġ ħafna u ħafna fondi biex tinżamm din l-indafa. Dan apparti li kien hemm mumenti fejn anke tlabna l-għajnuna ta' *Clean Malta.*

Mhux faċli iżda naslu. Minn stħarriġ li sar u mill-kazi li niltaqgħu maghhom kuljum jirriżulta li l-abbużi ħafna drabi jsiru minn ġirien tagħna.

Dan isir għax ċertu lokalitajiet m`għandhomx kontenituri allura jabbużaw minn tagħna. Kien hemm nies li jiġu l-quddies jew jippassiggaw max xatt u jġibu l-borża tal-iskart tagħhom. Nista ngħid illi din issolviet billi twaħħlu CCTV cameras. Fil-fatt ghal bidu li twaħħlu ġew immultati diversi persuni fuq rimi ta' skart abbużiv. Illum wieħed jista jgħid li din il-problema ġiet solvuta.

**Latrini Pubbliċi:**

Il-latrini pubbliċi żgur li din l-aħħar sena kellhom servizz impekkabbli. Fejn qabel konna nirċievu għexieren ta` lmenti nistgħu ngħidu minn meta nbidel il-kuntrattur u żiedna *attendants* mill-ħaddiema tal-komunita`, dawn waqqfu. Indafa u servizz mill-aqwa. Grazzi Il-Fundazzjoni tal-iżvilupp f`żoni Pubbliċi li kontinwament jgħinuna fil-manutenzjoni tal-4 latrini li għandna. Fil-preżent tlett ħaddiema tal-komunita` huma assenjati ma tlett latrini.

**Stabbilimenti ta` ikel u xorb u negozji oħra:**

Fejn jidħlu stabbilimenti ta` ikel u xorb wieħed ma` naħsibx li hemm għalfejn jilmenta. Minn naħa tagħna ngħinu fejn nistgħu biex jekk jista jkun ma ntelfux in-negozju. Bil-kelma t-tajba dejjem wasalna. Dejjem xtaqna koperazzjoni biex innaqqsu nkonvinjent lill-pubbliku nġenerali. L-aktar ilmenti huma dawk ta` numru żejda ta` mwejjed u siġġijiet mhux skond il-permessi fejn persuna ma jistax jgħaddi b`siġġu tar-roti jew b`xi pramm u pparkjar doppju ħdejn it-*take aways*. Dan l-aħħar kelna proġett ewropew li ħdimnieh flimkien mal-Wasteserv fejn diversi ħwienet ipparteċipaw u bbenifikaw minnu. Minn naħa tagħna aħna provdejna kontenituri max-xatt biex jiddisponu mill-ħġieġ. Wieħed jista jgħid ukoll li forsi dan l-aħħar għalaqna ftit għajnejna minħabba d-daqqa li qalgħu fi żmien il-pandemija tal-Covid 19.

L-istabbilimenti tal-ikel u xorb ma` tantx kellhom sena tajba u għalhekk minn naħa tagħna pruvajna nkunu forċina u fejn stajna taffejna ftit mill-ispejjeż billi niġbrulhom l-iskart minn naħa tagħna kif ukoll minn naħa tal-Wasteserv.

**Rivista tal-Kunsill:**

Ħassejna li r-rivista tal-Kunsill għandha tibqa toħroġ kull sitt xhur biex b`hekk il-popolin tagħna jibqa aġġornat xi jkun qed isir fil-lokal tagħna iżda ħsibna wkoll li ngħaddu ħafna nformazzjoni online.

**Live Streaming:**

Kull laqgħa tal-Kunsill tigi *live streamed* u dan biex min ikun irid isegwi minn ġewwa daru jkun jista jagħmel dan mingħajr xkiel ta` xejn. Nemmen ħafna bit-trasparenza u b`hekk il-Kunsill jemmen li dan is-servizz jibqa jingħata. Dan l-aħħar ħafna laqgħat saru virtwali u xorta permezz tal-FB tal-Kunsill stajna nxandruha *live*.

**Kleru:**

Nistgħu ngħidu li l-Kunsill għandu rapport tajjeb ħafna mal-Kappillan Fr. Roderick Camilleri u l-Viċi tiegħu Fr. Luke Cutajar. Dejjem konna viċin xulxin. Fil-fatt fit 12 ta` xahar kelna kunċert mtella minn naħa tagħna bil-kollaborazzjoni tas-soċjeta mużikali, grupp tal-armar u ser isir fil-knisja parrokkjali.

**Infrastruttura ta` toroq godda:**

Hawn ma nistax ngħid illi l-Kunsill kien kuntent biex xogħol min-naħa ta` *Infrastructure Malta*. Dan żgur li mhux tort tal-Ministeru iżda sfortunatament tal-kuntratturi maħtura biex jgħamel xogħol ta` kostruzzjoni. Forsi xi drabi resident jilmentaw mal-Kunsill. Minn naħa tagħna aħna nirreferu l-ilment il-Periti responsabbli. Ma nistgħux nlumuhom għax igergru u jinsuluntaw lill-membri tal-Kunsill. Fl-aħħar l-infrstruttura Malta lestit, Triq Qaliet, Zonqor, Sengle u anke Gardiel. Sar xogħol fuq il-mollijiet Zonqor kif ukoll San Tumas. Min-naħa tagħna wkoll sar *major pacthing* f'diversi toroq fejn kien hemm diversi ħsarat. Tranġaw diversi bankini li kellhom bżonn manutenzjoni.

**Infrastruttura Marittima:**

Hawn nista ngħid li minkejja d-dewmin sar l-moll l-ġdid ta` fejn il-klabb tal-*water polo.* Hawn nista ngħid illi ħdimna ħafna flimkien mal-Periti Janice Borg u Carmelo Bonanno min-naħa tal-Infrastructure Malta Maritime Section. Kelna kuntatt kontinwu kif kien qiegħed isir ix-xogħol. Ħdimna wkoll biex ikun aċċess għal persuni bi bżonnijiet speċjali. Fil-preżent qiegħed ikompli wkoll l-moll ta` ħdejn id-dar il-ħamra u jibqa sejjer lejn Triq San Gorg.

**Spazji Pubbliċi/ Parkeġġi inkluż tal-iskola San Ġwakkin:**

Kif jaf kullħadd nafu illi l-progress iġib ir-rigress. Nifmhu kif inbidel il-lokal tagħna ta` Marsaskala f' dawn l-aħħar snin. Popolazzjoni tgħodd kważi 15,000 fix-xitwa u aktar milli jirdoppja fis-sajf. Blokok tal-bini kullimkien fejn flok sempliċiment terran fejn kienu jabitaw l-antenati tagħna, illum qed aktar appartamenti b aktar abitanti u`b`hekk anqas parkeġġi. Problema li mhux faċli tissolva. Rigward il-parkeġġ tal-iskola qed nistennew mid-dipartiment tal-edukazzjoni. Skond huma jidher li qed jistennew l-aħħar daqqa ta` pinna mill-PA.

**Xogħol ieħor:**

Apparti minn dan ix-xogħol kollu msemmi hawn fuq żgur illi x-xogħol tas-Sindakat ma jieqax hawn. Wieħed irid isemmi kuntatti ta` kulljum mar-residenti, spezzjoni fuq xogħol, laqgħat tal-Ministeri u tas-Sindki u ċertu deċiżjonijiet li jkunu jridu jittieħdu. Dan apparti laqgħat ma entitajiet u nies oħra.

Minkejja dan ix-xoghol kollu li ma jieqafx, xorta waħda nistqarr illi nieħu gost nagħmel dan ix-xoghol ta`servizz il-popolin taghna. Nipprova dejjem inkun ta` servizz iżda mhux dejjem tista taqdi lill kullħadd. Dan huwa xogħol volontarju u żgur mhux għal xi salarju. Trid tkun veru dedikat biex tagħmlu.

**Rapport ta' Ħidma mill-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon**

**L-Ambjent u Il-Magħluq**

Id-*dredging* fuq l-ewwel parti sar. Qed jsiru wkoll ħafna kampanji edukattivi minn naħa ta' Nature Trust u diversi skejjel u oqsma edukattivi oħra.

Aktar xogħol kontinwu ta' tisbiħ u tindif fil-ġonna tal-lokalita' tagħna.

Ibbenifikajna minn fond permezz ta' applikazzjoni għall-iskema biex intejjbu l-Komunitajiet tagħna. L-għotja ta' €34,192.07 hija biex jiġi riġenerat l-ispazju miftuħ ta' Ġnien San Tumas u jkun aktar addattat mal-ambjent u n-neċessitajiet taż-żona sabiex jitgawda aħjar mill-komunita' u n-nies.

**Trasport/Trasport Pubbliku**

Ingħatajna l-fondi ta' l-Skema ta' Aċċessibilità u Mobilità fejn din tirrikjedi li jinxtara Van Elettriku. Bħalissa hemm il-process tat-tender għaddej biex jinxtara dan il-Van Elettriku.

Ħdimt fuq proposta ta' konnessjoni bejn Triq Sant'Antnin u Triq San Ġwakkin.

Il-Kunsill Lokali ddiskuta proposta li tinħoloq mina bejn Triq l-Iskal u Triq il-Qrempuċ sabiex Wied il-Għajn ikollu triq alternattiva u jonqos it-traffiku miċ-ċentru tal-lokalità. Hemm possibilita' ta' pjan ieħor li ssir mina li tibda minn Bellavista u tispiċċa fil-bypass l-antika ta' Ħaż-Żabbar, Triq Frans Grech. Dan il-proġett ġie diskuss mal-Perit tal-Kunsill Lokali u studju preliminari ser jiġi ffinanzjat mill-Kumitat Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta.

Dan l-istudju preliminari jinvolvi:

• Analiżi tas-sit biex tidentifika l-karatteristiċi taż-żona.
• Identifikazzjoni ta' posibbilita' ta' rotot differenti.
• Preparamenti ta' analiżi SWOT ta' kull possibbilita' identifikata.
• Diskussjoni ta' possibbilitajiet mar-residenti, il-Kunsill Lokali u l-KKNM.
• Preparazzjoni ta' stimi ta' livell għoli ta' kull possibbilita'.
• Konsultazzjoni ma' Infrastructure Malta, l-Awtorità tal-Ippjanar, l-Awtorita' tal-Ambjent u r-Rizorsi u kwalunkwe partijiet oħra interessati identifikati biex jispjegaw il-proġett u jiddiskutu l-possibbilitajiet.

l-Istudju sar mill-Perit u ghadu pendent ghad-diskussjoni tal-Kunsill Lokali.

**Ħarsien tal-Annimali**

Approvajna fond sabiex il-komunita' tal-*istray cats* ikunu jistghu jibbenifikaw minn vawċers għan-*neutering* u VET fees.

**Sport**

Bqajna naħhtu l-ghajnuna lill-għaqdiet sportivi ta' Marsaskala.

**Attivitajiet inkluż dawk Fiżiċi**

Minkejja li kellna kollox preparat biex jsir il-Milied Skaliż kellu jitħassar l-aar ftit minħabba Maltemp prevvist.

**Oħrajn**

Ftehim mas-Sur Ramon Deguara mill-Clean Malta - Cleansing and Maintenance Division tkellimna u qbilna fuq;

- ħasil u tindif ta' Triq is-Salini u Triq ix-Xatt darba fil-Ġimgħa kull nhar ta' Tnejn.
- ħasil fit-toroq l-aktar milquta minn kostruzzjoni.
- tneħħija ta' skart illegali fix-Xatt ta' San Tumas.
- għaxar kontenituri tal-iskart riċiklabbli biex jitpoġġew ġewwa l-bandli tal-lokalita' rispettivament.
- għaxar kontenituri tal-loqom tas-sigaretti li ser jitpoġġew tul ix-xatt (xatt u salini)
- kontenituri għall-iskart kontaminat tul ix-xatt
- Minn għandu nġenji mitluqa San Tumas għandu ċans sal-15 ta' Ġunju 2021 sabiex jneħħihom. Ser ikunu qegħdin jeħlu notifiki f'dan is-sens.

- Azzjonijiet fuq Oġġetti ta' Ingombru tul ix-Xatt ta’ San Tumas sal-Munxar.

Il-Kunsill impenja ruħu f'għadd ta' azzjonijiet ta' infurzar, inkluż l-Legislazzjoni Sussidjarja 363.221, fuq Karrijiet u Oggetti oħra ta’ Ingombru fil-Lokalita’ ta’ Marsaskala.

**<u>Rapport ta’ Ħidma mill-Kunsillier Dr. Errol Cutajar</u>**

F’dawn l-aħħar sitt xhur, il-ħidma tiegħi fil-lokalita kienet aktar iffukata fil-livell aktar distrettwali minħabba l-Elezzjoni Ġenerali illi kien mistenni li sseħħ fis-sena 2022.

Madanakollu, jista jingħad illi l-ħidma tiegħi iffokat sa mill-bidu nett fuq il-proposta li ħareġ il-Gvern Ċentrali illi ssir *Yacht Marina* ġewwa l-bajja ta’ Marsaskala. Il-Pjanti illi rajna, meta saret is-sejħa matul ix-xahar ta’ Awissu 2021, u pparteċipajt bis-sħiħ waqt is-seduta urġenti imsejħa nhar is-16 ta’ Awissu 2021. Il-pożizzjoni tiegħi; wara li ddiskutejt mal-*minority leader*, u wara li ddiskutejt ma’ diversi residenti u setturi kulturali fil-lokalita`, illi żgur kienu ser jintlaqtu minn din il-proposta; kienet illi nkun kontra din il-proposta, u sabiex dan il-proċess jitwaqqaf immedjatament, u sabiex l-uniċi diskussjonijiet li kellu jidħol fihom il-gvern mal-komunita` lokali, kellha tkun biss l-organizazzjoni ta’ l-irmiġġi eżżistenti. Tajt ukoll is-sehem tiegħi fl-istess seduta, sabiex tiġi mfassla l-mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Ryan Portelli. Waqt l-istess seduta jien ivvotajt favur l-imsemmija mozzjoni.

Minn dakinhar, sal-ġurnata illi l-Gvern iddeċieda illi jwaqqaf dan il-proġett, jien żammejt l-istess pożizzjoni, u kienet xi ħaġa pożittiva ferm illi l-gvern, aktar kmieni din is-sena, ħabbar illi dan il-proċess ġie mwaqqaf u li ħabbar ukoll il-proġett tal-Universita` Amerikana ġewwa ż-Żonqor, kien ser jitwaqqaf ukoll.

**<u>Rapport ta’ Ħidma mill-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri</u>**

Last year, as a Local Council Member, I continued to pursue my work in education and innovation.

In repect to education I volunteered and was duly accepted as a chairperson for San Gwakkin school at Marsaskala. In the process I have contributed with my specialisation to the wellbeing of the school and the students concerned. I was involved in liasing between the school and the University of Malta so that pupils could speak with locally based scientists in a STEM initiative directed to instill science interest within pupils of the locality. Ultimately, myself, the rest of all helpful staff and the administation of the school were satisfied with the outcomes and feedback.

Lately, myself with my colleague at the Local Councillor Mr. Charlot Mifsud were involved in an initiative with MCAST where we had the opportunity to meet scholars and academics within the mentioned institute to discuss how best we can manage educational programs with local in Marsaskala

In respect to innovation I have always kept an eye on the locality’s needs and whenever required I passed comments from locals of Marsaskala to the council. Like all the othercouncillors I also contributed towards providing my input in respect to the set up of the new local council premises, was actively involved in the talks with the Hon Minister Ian Borg regarding the Marina issues and the reclamation of space for the wellbeing of the locality once the recycling plant would be removed. I also provided my opinion on the situation of the local flora ensuring that pruning would not be carried out early in the year but give enough time and therefore ensuring pollination for the wellbeinh of the local bees but also in respect to the quality of our countryside.

I conclude that all of us local councillors, the mayor and administative team have done a lot of important work, all for the wellbeing of the locals and the upkeep of the locality.

**<u>Rapport ta' Ħidma mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud</u>**

Kif aħna ħbieb. Reġa wasal iż-żmien biex aħna bħala kunsilliera nagħtu rendikont ta' dak li nkunu għamilna f'dak li jkollu x'jaqsam mad-dekasteru tagħna. Jien inkarigat mill-anzjani, edukazzjoni u tisbieħ tal-ġonna tal-lokal. Jiddispjeċini ngħid li f'dak li għandu x'jaqsam mal-azjani ftit li xejn stajna nagħmlu minħabba l-Covid, kemm bħala attivitajiet kulturali u anke soċjali. B'mod soċjali il-ħarġiet anke ġewwa Għawdex fejn ma stajniex nieħdu l-ebda riskji b'mod speċjali għalina l-anzjani. Issa li donnu l-affarijiet donnhom qed jintranġaw xorta rridu noqgħodu attenti, jien stess għadu kemm kelli nagħmel aktar min ħmistax id-dar kwarantina, biss nisperaw li ma ndumux ma nerġgħu niġu għan-normal. Madanakollu jiena xorta bqajt nirrapreżenta lil kunsill tagħna fuq il-kumitat ta' sorveljanza fuq ir-riċiklaġġ flimkien mal-Profs J. Buhagiar. Kont ukoll rappreżentant fuq il-Kumitat tar-Reġjun kemm dak tax-Xlokk, kif ukoll dan issa tan-Nofs in-Nhar. Dawn il-laqgħat bqajt nattendihom bil-qalb kif stajt.

Rigward f'dak li għandu x'jaqsam mal-Edukazzjoni jiena xorta bqajt b'kuntatt maż-żewġ *headmistresses* tal-iskejjel tagħna tal-lokal biex flimkien rajna xi stajna ngħamlu għal ġid tat-tfal tagħna, għalkemm dejjem b'ċertu restrizzjonijiet u prekawzjoni. Fil-fatt irnexxieli nsib maskri għat-tfal u anke l-għalliema kollha taż-żewġ skejjel.

Settur ieħor li tiegħu jien responsabbli hu dak li għandu x'jaqsam mat-tisbieħ ta' ġonna fil-lokal. Wara li b'ħafna sagrifiċċju u taqtiħ il-qalb tlesta l-bini tal-Kunsill il-ġdid fi Ġnien Sant'Anna, issa bdejna naraw kif se nsebħu il-Ġnien Sant'Anna nnifsu. Diġa nbidlet il-kurduna kollha tal-ġnien għax ħafna minnha kienet nieqsa u nkissra. F'dak li għandu x'jaqsam mad-dawl tneħħew l-arbli qodma li kien hemm u dawn inbidlu ma oħrajn ġodda moderni li jikkumplimentaw ħafna mal-ġnien. Ma dawn inbidlu l-*wires* kollha u l-pipijiet li jikkonettjawhom peress li dawn kienu quddiemu u kienu jkunu kawża ta' ħafna qtugħ ta' dawl. Jiddispjeċini biss meta nara dik il-funtana li hemm fil-ġnien wieqfa. Jien niftakara dejjem taħdem u li kienet tkun ta' attrazzjoni fil-ġnien. Din issa wara waqfa twila se jsir rinovazzjoni fuqha u nispera li ma ddumx ma terġa tibda taħdem kif kienet qabel. Se tinbidel l-għamara wkoll bħal bankijiet eċċ. Sa dan it-tant ix-xogħol fuq il-ġonna u *ċentre strips* l-oħra baqa` għaddej bħal qabel. Hawn irrid minn qalbi nirringrazzja lil ġardinar bravu tagħna Pierre li tassew jaħdem bil-qalb biex il-lokal tagħna jkun mill-isbaħ li jista jkun, tarah kuljum jiħbor, jaħrat, iħawwel u jsaqqi, biss xi min daqqiet irrid nirrimarka fuq xi nuqqas ta' fjuri matul is-sena kollha, biss dan ma jkunx jiddependi mill-ġardinar, iżda mill-kuntrattur li jirrpovdi x-xitel. Nispera li l-affarijiet jitranġaw il-quddiem.

Nagħlaq billi nerġa nirrepeti dak li dejjem għidtilkom biex lili meta tarawni tiddejqux tgħiduli bl-ilmenti jew suġġerimenti tagħkom u jien nieħu ħsieb inreaaqhom fil-kunsill u f'dak li jiddependi minni nara li jsiru u jitwettqu għal ġid ta' kulħadd biss mhux dejjem ikunjiddependi minni biss. Nista nassigurakom li jien dejjem inkun lest biex naqdikom.

Nawgura lilkom u lil familji tagħkom l-Għid it-tajjeb, j'Alla l-Bambin u Sant'Anna jgħinnunaneħilsu minn din il-pandemija b'wiċċ il-ġid u nerġu lura għan-normal.

**<u>Rapport ta' Ħidma mill-Kunsillier il-Perit John Schembri.</u>**

Last year, as a Local Council member, I continued to observe and act on the infrastructure of our seaside town. My duties included mainly to report on any irregularities and damages throughout the place.

Last year saw the complete construction of the new council's premises. As I have done at the earliest stages of the works, I kept on visiting the site regularly to make sure that everything was moving on well. I am very pleased to say that I am satisfied with the product.
Regarding other projects, I gave my share in supervising them visually. I also drew two reports. One mainly on cleansing and one on potholes. Those two reports were given some importance. In fact, various potholes were made good while various dirty sites were also cleaned.

I conclude that we have done a lot of important work, all councillors and Mayor together. Of course, this work would have been futile withour the sterling input of all employees of the Local Council.

**Rapport ta' Ħidma mill-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri**

Ix-xogħol ta' manutenzzjoni fejn jidħol dwal tat- toroq, ġonna publici u x- xatt mill Ponta ta' Żonqor sal-Bajja ta' San Tumas tista tgħid li ma jieqaf qatt. Din is-sena l-maltemp tal-aħħar ġimgħa t' Ottubru ikkawża ħafna ħsarat. Fosthom fi Triq iż-Żonqor li sfortunatament għadu ma tranġax għalkemm irrapurtajnieh ħafna drabi lil Enemalta.

Kif ukoll installazjoni ta' dawl ġdid f'toroq ġodda jew toroq li kien hemm nuqqas ta dawl.

Hawn taħt hemm lista ta uħud mill-affarijiet li saru tull dan iż-żmien.

1. Din sena ta' sikwit kont insegwi ix-xogħol għaddej fil-bini tal-kunsill il-ġdid. Fejn ukoll ikkordinajt sabiex ikolna servizz tal-Enemalta temporanju sakemm nkunu nistgħu napplikaw għas-servizz permanenti.
2. Wara li tlesta x-xogħol tal-bini tal-kunsill issuktajna bix-xogħol ta' titjib fil-Ġnien Sant'Anna bidilna is-sistema tal-fanali antiki u *wiring* kompletament mil-ġdid. Dawn ha jagħtu dehra mill- isbaħ lil dan il-ġnien.
3. Biddilna l-fanali kollha tal-Ġnien David Vella ġewwa San Tumas.
4. Komplejna bil-manutenzjoni li jinkludi restawr u tranġar ta' iktar Fanali ornamentali fi triq iż-Żonqor .
5. Biddilna r-rifletturi kollha ta' Triq ix-Xatt u minflokom waħħalna LED's
6. Fit-toroq kollha fejn ikun hemm fanali tat- toroq li jkunu fi stat ħażin qedgħin inbidluhom u minflokk inwaħlu LED, dan l-aħħar ħadna ħsieb inbidlu parti kbira minn Triq il-Qrempuċ.

   Waħħalna dawn il-fanali ġodda f' dawn it-toroq :-

   - 3 Bajja San Tumas.
   - 2 fi Triq il-Lampuka.
   - 2 fi Triq Apap Bolognia
   - 1 Triq il-Bidni
   - 1 Triq Frans Grech

7. Wara li tlestiet Triq il-Qaliet minn Infrastructure Malta għamilna żewġ settijiet ġodda ta' *zebra crossing* bil-*belisha lights*.

   Dwar l-integrazzjoni soċjali saru xi kuntatti iżda minħabba l-pandemija ma tantx setgħa jsir xogħol f'dan ir-rigward.

Bħal ambjent Marittimu kont involut u wasalt messaġġ ċar f'kull laqgħa ma entitajiet konċernati u ma naqsitx il-preżenza u nterventi f' kull attivita` li itellgħet mir-residenti u NGO's sabiex noġġezjonaw għal proposta ta' Yacht Marina fil-Bajja ta Marsaskala.

**<u>Rapport ta’ Ħidma mill-Kunsillier is-Sur Ryan Portelli</u>**

Dawn l-aħħar xhur kienu kruċjali mmens għalina Kunsilliera u residenti. Dan għaliex deċiżjoni waħda setgħet tbiddel għal kollox il-mod kif Wied il-Għajn u l-madwar jidher. Il-marina kienet fuq f’fomm kulħadd. Il-mezzi tax-xandir wasslu diversi messaġġi u l-istess għamlu l-partiti politiċi. Dan il-process dam diversi xhur minħabba n-natura sensittiva tiegħu. Jiena għamilt dak kollu possibli, skont il-kuxjenza, biex nevalwa sew dan il-proġett, u b’ hekk stajt inwassal il-biżgħat tiegħi għal dan il-proġett.

L-aħbar li l-proġett tal-AUM ma kienx ser isir kien milqugħ, partikolarment wara laqgħa li kellna mal-Onor. Owen Bonnici, fejn tkellimt kontra l-bini tal-Universita` Amerikana fil-ponta taż-Żonqor, u rsistejt flimkien ma’ sħabi biex isir investiment estensiv fil-pixxina. Dan biex tkun tista titgwada mill-għaqdiet tal-watersport u l-pubbliku. B’hekk, inkunu qed neċċellaw fil-facilitajiet sportivi f’ Marsaskala.

Permezz ta’ diskussjonijiet mal-għaqdiet u l-pubbliku ġenerali, elenkajt diversi faċilitajiet li jistgħu jieħdu parti mill-ex impjant ta’Sant’ Antnin, meta din tingħalaq bħalma hu ppjanat. Dawn il-faċilitajiet jinkludu *park and ride*, *cultural hub*, proġett t’ afforestazzjoni u ċentru ta’ riċerka u nnovazzjoni fl-enerġija rinovabbli.

**<u>Rapport ta’ Ħidma mill-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud</u>**

Jiena bħala kunsilliera fil-Kunsill Lokali ta` Marsaskala nħoss illi gwadanjajt esperjenza enormi fit-tmexxija ta` Gvern Lokali.

Nista ngħid illi is-Sindku fdali wieħed mill-aktar responsabilijiet interressanti. Dak tal-Kultura. Huwa stat ta` fatt illi peress li d-dinja inkluż pajjiżina għaddiet minn sfidi kbar waqt il-pandemija, wieħed ma setgħax jagħmel dak li jrid fejn tidhol il-kultura iżda fejn stajna għamilna ħilitna biex inkomplu għaddejjin bil-limitazzjonijiet tagħna.

Jiena dejjem involvejt ruħi f`diskusjonijiet mas-Sindku fejn jidħlu responsabilijiet tal-kultura u dejjem wasalna.

Niftakar meta pruvajna norganizzaw Jum il-lokal f` Settembru li għadda, konna iddeċidejna li nagħmlu quddiesa u nqassmu xi rikonoxximenti ġewwa Dar Frate Yacoba. Dan sar biex inkunu ftit iżolati minn nies kif ukoll biex nagħtu donazzjoni l-istess Dar li tagħmel ħafna ġid fil-lokal tagħna.

F`Diċembru kellu jsir villaġġ tal-Milied iżda peress li l-elementi tan-natura ma ppermettewx dan ma sarx.

L-affarijiet mill-pandemija bdew ġejjin għall-aħjar u b`hekk stajna nibdew naħdmu fuq xi xogħol għall-ġimgha l-kbira.

Peress li jiena kont nagħmel parti mill-kumitat tas-soċjeta konna diġa qed naħsbu biex din is-sena terġa tiġi organizzata l-wirja tal-Ġimgha l-Kbira taħt il-knisja. Dan dejjem bil-għajnuna tal-Kunsill tagħna.

Dan l-aħħar is-Sindku nvolvini wkoll fuq Kunċert Funebri msejjaħ ( ***Iben il-Hniena*** ) li fil-fatt sar il-ġimgħa li għaddiet. Hawn kellna għajnuna finanzjarja minn naħa tar-Reġjun ta` Nofs inhar fejn għaddewlna s-somma ta` Ewro 2000 biex b`hekk il-Kunsill irdoppja s-somma. Kunċert Funebri b` differenza bil-kollaborazzjoni tas-Soċjeta Mużikali Sant`Anna, grupp tal-armar u l-Knisja.

Ħdimna wkoll ma` Artist professjoni skaliż Mario Zammit Lewis fejn ser jorganizza esebizzjoni profesjonali fis-sala tal-binja l-ġdida tal-Kunsill li tinfetaħ din il-ġimgħa stess u tibqa sejra sat 2 ta` Mejju.

Inħarsu l-quddiem fejn tidħol il-kultura. Hemm il-ħsieb li jsir Festival Internazzjonali tal-logħob tan-nar kif ukoll il-Karnival tas-sajf.

Nirringrazzja mill-ġdid is-Sindku li jinvolvini f`dawn l-avvenimenti.

**<u>Konklużjoni</u>**

Din is-sena tista tgħid li ma kinietx ħafna differenti minn ta` qabilha u dan minħabba il-Pandemija li baqgħet tippressa fuqna mhux ħażin. Grazzi għall-Awtoritajiet tas-saħħa li offrew il-*booster* lil 80 fil-mija tal-poplu Għawdxi u Malti għax kieku kien ikolna diżastru bħall ħafna mill-pajjiżi fil-globu. Xorta waħda għamilna dak li stajna biex nkomplu għaddejjin. Iltqajna kull xahar permezz ta` inkontri virtwali u allura x-xogħol baqa għaddej. Minkeja dan kollu komplejna nagħtu servizzi mill-aqwa l-popolin tagħna u rnexxilna wkoll nidħlu fil-binja il-ġdida. Xejn ma kien faċli iżda grazzi għal kordinament bejn l-uffiċċju amministrattiv u hawn ma nistax ma` nsemmix is-Senior Clerks tagħna Lucille u Chantel li flimkien mal-ħaddiema tal-komunita` li ħadmu bis-sħieħ biex irnexxielna nidħlu fl-ewwel ġranet tas-sena l-ġdida. Nistgħu ngħidu wkoll li l-Kuntrattur tal-binja ikkopera magħna biex wasalna u lestejna fil-ħin.